MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2011

Numru. 297/2008

**Il-Pulizija**
**(Spett Dennis Theuma)**

**vs.**

**Abdul Baset Dabia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Abdul Baset Dabia ta' 39 sena iben Muhammed u Mabruka nee Bindaw imwieled il-Libja fl-1 ta' Mejju 1969 u residenti No. 6 Nigret Road, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita 19563 (A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Mejju 2007 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat talli huwa recidivi b'sentenza datat 2 ta' Frar 2005 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet,

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat instab fil-pussess ta' xi siringi godda u xi trab abjad, probabbli citric acid fuq il-lant tax-xoghol tieghu, ghalkemm ma nstabitx droga fuqu. La fl-istqarrija u lanqas f'dawn il-proceduri, l-imputat ma tax spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed igorr dawn l-affarijiet fuq il-land tax-xoghol tieghu. Huwa notorju li s-siringi u c-citric acid jintuzaw minn persuni li ghandhom il-vizzju tad-droga eroina, biex isajru l-istess sustanza, halli wara jkunu jistghu jinjettawa fil-vini taghhom. Fil-fatt, fl-istqarrija l-imputat ammetta li huwa kellu l-vizzju tad-droga eroina, u li l-ahhar li ha eroina kien jumejn qabel gie arrestat.

Illi ghalhekk mill-provi migjuba, il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lill'hinn minn kull dubju ragonevoli li l-imputat huwa hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li huwa ma' ikkopera mal-pulizija meta gie arrestat, l-fedina penali raffrettarja tieghu, u li hu recidiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tletin gurnata prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------